# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 8 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 545/01**

**Numru 28**

**Montaldo Insurance Agency Limited, bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Saviour Gambin**

**vs**

**Franco Zammit**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici noe ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tliet mija u erbgha u hamsin Lira Maltin u (Lm354), in linea ta' danni - mill-konvenut kagunati - in segwitu ghal incident li gara f'Naxxar Road, Birkirkara fid-29 ta' Settembru 1998 meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru JAG-958 habat mal-faccata tal-hanut jismu "The Bride" sitwat fl-istess Naxxar Road u propjeta ta' Saviour Gambin - prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien

unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Mejju 2000, u dawk tal-ittra ufficjali presentata ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104. tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici noe sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-26 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm354.00,0 bl-imghax legali mit-8 ta' Mejju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-8 ta' Mejju 2000 u tal-1 ta' Gunju 2001, imsemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg